**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2020

Rikors numru: 294/16 AL

A B C D E f'isimha proprio u f'isem bintha
F B C D E

Vs

G C D E

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici f'isimha proprio u f'isem bintha F B C D E, li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' F B C D E li twieldet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u li llum ghandha hames (5) snin u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok B.

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok C.

5. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata.

6. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri F B C D E jehtieg li tigi affidata lill-attrici fl-ahjar interess tal-istess minuri.

7. Illi jehtieg li jigi iffissat manteniment ghall-attrici u ghal binthom minuri.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni u opportuna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C D E minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri F tigi affidata esklussivament lill-attrici.

6. Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici u lill-minuri manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet tal-istess attrici u l-minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

7. Tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha B.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma weġibx u għalhekk hu kontumaċi f'dawn il-proċeduri;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, fejn ir-rikorrenti talbet il-pronunċja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut. Ir-rikorrenti elenkat il-pretensjonijiet tagħha fit-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, billi talbet ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u sabiex jiġu applikati l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili. Hija talbet ukoll li l-kura u kustodja tal-minuri F tiġi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti talbet ukoll li l-konvenut jiġi ordnat jħallas manteniment għaliha u għall-minuri.

Illi jirriżulta li l-konvenut ma ppreżentax risposta fit-terminu stabbilit mil-liġi, għalhekk huwa kontumaċi skont il-Liġi, kif jirriżulta mill-verbal datat 16 ta' Mejju 2017.[1]

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-partijiet iżżewġu fid-29 ta' April 2011, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ.[2] Ili fiż-żwieġ, twieldet tifla bl-isem ta' F B C D E li twieldet fil-21 ta' Awissu 2011, kif jidher mill-att tat-twelid esebit bħala Dok B. Iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, u l-proċess ta' medjazzjoni ma wassalx għal ftehim bonarju kif jidher minn Dok C esebit a fol 8 u 9 tal-proġess.

## Provi:

Illi xehdet ir-rikorrenti permezz ta' affidavit u qalet li ltaqgħet mal-intimat fis-sena 2010 meta' kien jinsab f'Malta, jilgħab ma team tal-futboll Malti. Kienu telqu igħixu f'Ċipru u kienu marru l-Cameroon jiltaqgħu mal-familja tal-intimat. F'April 2011 kienu żżewġu Ċipru bir-rit ċivili, u l-attriċi hija kienet diġà tqila bit-tifla tagħha. Sussegwentement hija niżlet twelled lit-tifla f'Malta u fl-

[1] Fol 31 tal-process.

[2] Dok A a fol 5 tal-process.

2012 żewġha kien telaq minn Ċipru peress illi ffirma kuntratt ma' team fil-Bulgarija u għalhekk hi u t-tifla segwewh hemmhekk, iżda meta ndunat li t-tifla kellha xi ħaġa mhux f'postha, niżlet biha Malta fejn t-tifla ġiet diagnosed b'Autism Spectrum disorder u l-attriċi kellha tattendi għal-korsijiet l-Inspire biex tkun tista' tgħin lil bintha. Spjegat li dawn il-korsijiet attendiethom dejjem weħedha u li żewġha qatt ma kien attenda, u meta t-tifla bdiet l-iskola kien għadu jilgħab barra minn Malta u kien jiġi Malta għal vaganza biex jarahom. L-attriċi xehdet li kienet toħroġ mal-konvenut meta jkun Malta, u li kienet tħalli lit-tifla għand ommha iżda ommha kienet iċċempel wara siegħa u tgħidilha li t-tifla qed tibki bil-lejl u kien ikollha tirritorna lura d-dar u l-intimat kien jibqa' barra fil-clubs għax kien jgħidilha li hu qiegħed Malta għal vaganza.  L-attriċi kompliet tixhed li dak iż-żmien hi ma kinitx taħdem, kienu igħixu f'post tal-kiri u żewġha kien iħallas il-kera, iżda ġieli ma kienx ikollu flus u l-attriċi u bintha kienu jibqgħu b'xejn. Xehdet li kellha toħroġ taħdem fuq bażi part-time fl-2016, għax ma kellhomx aktar flus biex jgħaddu,  iżda l-konvenut ma kienx jieħu ħsieb it-tifla, u darba f'Mejju 2016, kien daqqlu l-mobajl u semgħet leħen ta' mara u sussegwentement kienet kkomunikat magħha u din kienet nfurmatha li kellha relazzjoni ma' żewġha meta kien fil-Bulgarija, u wara li skopriet dan u kkunsidrat ukoll li ma kellha l-ebda support minn żewġha la għaliha u lanqas għal bintha, il-konvenut kien talabha taħfirlu u reġgħu lura flimkien. Madanakollu l-attegjament tal-konvenut kien baqa' l-istess, b'hekk iż-żwieġ xorta waħda tkisser. Hi xehdet ukoll illi binthom hija 'severely autistic', u li żewġha jagħtiha Ewro 230 fix-xahar bħala manteniment għal bintha, skont digriet tal-Qorti datat 3 ta' Dicembru 2016. Żiedet tgħid li mhux dejjem iħallas regolarment u xi drabi jkollha titolbu hi biex iħallas.  Xehdet li meta jara t-tifla f'Mcdonalds kull ħmistax, it-tifla il-ħin kollu tqum minn ħdejh u tmur ħdejha għax it-tifla hija marbuta ħafna magħha u peress li missierha ma kienx jagħtiha attenzjoni u ma kienx jiehu hsiebha, ghaliha qisu raġel barrani. L-attriċi xehdet li hi qatt ma oġġezzjonat għall-aċċess, l-unika haġa ma tixtieqx hija li t-tifla ikollha sleepovers ma' missierha, li anke minħabba l-kundizzjoni tagħha tal-awtiżmu. Żiedet tgħid li l-partijiet ma kellhomx assi bejniethom, u li kemm meta għexu f'Malta u kif ukoll meta għexu barra dejjem għexu f'postijiet bil-kera, u qalet

illi għandha kont mal-Banif Bank, li fih tidħol il-paga tagħha, ic-children's allowance u benefiċċji oħra tat-tifla. L-attriċi xehdet illi rnexxielha ssib impjieg *full-time*, għalhekk mhijiex tippretendi manteniment għalha. Xehdet li assi parafernali ma kellhomx.

Ir-rikorrenti xehdet ulterjorment u ppreżentat Dok JM1, screenshots ta' *whatsapp,* messaġġi li ntbagħtu mill-konvenut u minn ċertu H, li hija Bulgara, u saret taf b'dawn il-messaggi għall-ħabta ta' Marzu 2015. Esebiet ukoll Dok JM2, li huma serje ta' messaġġi li kienu jibgħatu bejniethom hi u din H wara li l-attriċi skopriet bir-relazzjoni. Hi ppreżentat ukoll serje ta' ritratti bhala Dok JM3, ritratti mibgħuta minn din H li kollha huma meħudin fil-Bulgarija, u wieħed mir-ritratti huwa meħud fil-post fejn H kienet tgħix mal-konvenut fil-Bulgarija. Esebiet ukoll Dok YY, li huwa l-prospett tal-ispejjeż mensili għat-tifla F.

Illi xehdet RPC 3141 Janet Cicala u esebiet l-feI penali tal-konvenut u Dok JC1 u JC2, rapporti li saru mir-rikorrenti fil-konfront ta' żewġha.

Illi xehdet Christine Vella, Headmistress ta' St Thomas Moore College Fgura dwar l-andament tal-minuri F C, li qegħda f'year 2. Hija qalet li l-andament huwa tajjeb, u li hi għandha *full-time* LSA magħha peress li hija autistic. Spjegat li l-omm dejjem tattendi għall-parents day u attivitajiet skolastiċi iżda qatt ma kellhom kuntatt mal-missier u qatt ma rawh.

Illi xehed Dr. Adrian Camilleri, in rappreżentanza tal-Malta Football association u esebixxa transfer history tar-rikorrent minn Settembru 2007 sal-lum, il-konvenut kien beda mal-Imsida u llum jilgħab ma' Pembroke bħala player professjonali. Esebixxa wkoll Dok AC2, il-kuntratt li l-konvenut kellu mal-klabb tal-Belt, fis-6 ta' Awissu 2015 u l-kuntratt ma' Sliema Wanderers datat 1 ta' Frar 2016, kif ukoll kuntratt ieħor mal-Mosta fil-25 ta' Awissu 2016, u kuntratt ma' Pembroke fit-28 ta' Awissu 2017.

Steven Baldacchino in rappreżentanza ta' Banif Bank, xehed u esebixxa Dok SB1, li huwa kont konġunt f'isem il-partijiet, liema

kont li nfetaħ fl-20 ta' Lulju 2013 f'isem iż-żewġ partijiet u għadu miftuħ iżda il-bilanċ huwa żero.

Illi xehed Steven Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta u qal li mir-riċerka li għamel, la kien hemm u lanqas hemm fil-preżent vetturi f'isem il-partijiet.

Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus, xehed u esebixxa Dok JS1, l-employment history tal-konvenut, u Dok JS2, l-employment history tar-rikorrenti.

Illi xehdet Charlene Borg, Parent Relation Manager fl-Inspire Foundation u qalet li l-minuri F ddahlet l-Inspire biex tuża s-servizzi tagħhom, il-programm huwa darba fil-ġimgħa, li jinvolvi 'individual sessions' u 'group sessions'. Esebiet Dok CB1 , l-aħħar rapport psikoloġiku dwar F, Dok CB2, rapport li fih l-input tal-occupational therapist, eċċetra. Żiedet tgħid li s-servizz tagħhom jinkludi wkoll 'Parent Empowerment Training' u 'Parent support', l-omm kienet tattendi għal dan it-training iżda qatt ma ltaqgħet mal-konvenut. Esebiet ukoll Dok CB3, dwar ħlasijiet li saru mill-omm rigward is-servizzi u qalet li F waqfet tattendi l-Inspire f'Dicembru 2016, u r-raguni li ngħatat kienet li waqfet tattendi minħabba raġunijiet finanzjarji.

Illi xehed Joseph Debono, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u qal li mir-rekords li għandu jidher li l-partijiet iżżewġu fid-29 ta' April 2011 u sal-lum jidher li għadhom miżżewġin. Hu esebixxa r-returns tat-Taxxa tas-snin 2011, 2012, 2013 u 2014. Huwa xehed li l-konvenut ġie reġistrat mis-sena 2015, u ma nħarġet l-ebda formola ta' taxxa f'ismu la fl-2015 u lanqas fl-2016, u fir-rigward ir-rikorrenti, din bagħtet ir-returns tat-taxxa tagħha mill-2011 sal-2014.

Illi xehdet I J u qalet li ilha taf lir-rikorrenti u lil żewġha u taf li għandhom tifla F. Spjegat li ltaqgħet mal-konvenut peress li fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom, hi u r-rikorrenti kienu joqgħodu flimkien fl-istess dar u f'dak iż-żmien il-konvenut diġà kien jaqla' l-paga u jirrifjuta li jagħti flus lir-rikorrenti għax kien igħid li jrid jibgħat il-flus lill-familtu. Minbarra hekk, xehdet li kienet taf li l-konvenut kellu l-vizzju tal-logħob, kien qal li qata' dan il-vizzju

iżda hi kienet ratu dieħel ġo Easybet. Dwar ir-relazzjoni tal-konvenut ma' bintu, xehdet li din ir-relazzjoni hija kważi ineżistenti, fil-fatt meta ir-rikorrenti saret taf li t-tifla hija autistic, ix-xhud kienet tmur magħha għand it-tobba. Hija ftakret ukoll inċident f'Milied ta' snin ilu, meta kienu mistednin għand ħabiba tagħhom, u l-konvenut ma kienx ġie u minflok kien ħareġ waħdu.

Illi xehed Alexander Calleja in rappreżentanza ta' Pembroke Atleta Football Club u esebixxa Dok AC1, li juri r-reġistrazzjoni tal-konvenut mal-MFA, u xehed li l-konvenut kien jaħdem magħhom bħala footballer mit-30 ta' Awissu 2017 sal-20 ta' April 2018. Hu esebixxa Dok AC2, il-konferma tat-terminazzjoni tal-kuntratt u esebixxa Dok AC3, il-kuntratt li kien iffirma magħhom il-konvenut u spjega li l-paga tal-konvenut kienet ta' 750 Ewro fix-xahar, kienu tawh ewro 550 biex iħallas l-appartament, ewro 350 fix-xahar biex jikri karozza u Ewro 350 biex jagħmel training privat, l-kuntratt tiegħu ma reġax iġġedded, għalkemm kien player tajjeb, u dan peress illi il-karattru tiegħu kien wisq ikkumplikat u ma kienx moħħu hemm.

Illi xehdet Christine Camilleri in rappreżentanza ta' Aviaserve Limited xehdet u esebiet Dok CC1 li juru l-kuntratt tax-xogħol tal-konvenut datat 23 ta' Marzu 2019, flimkien mal-payslips fejn jidhru l-ammont ta' Ewro 300 mnaqssin għall-manteniment, liema ammont kien jinqatalu mill-paga. Hija kkonfermat li l-konvenut jaħdem magħhom *full-time*, u xi drabi jagħmel l-*over time* ukoll.

Dwar ir-Responsabbilta Għat-Tkissir taż-Żwieġ

Ir-rikorrenti qed issostni li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut minħabba adulterju, abbandun, servizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tagħha. Għalhekk, irid jiġi determinat, wara eżami akkurat tal-provi prodotti, lil min hija imputabbli l-r-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ.

L-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."

Illi dwar l-abbandun l-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Illi fil-każ A Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph Xuereb noe[3], il-Qorti qalet illi "biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn"

F'dan il-kuntest, issir referenza għall-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili[4] li jistipula:

"**Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment**."

Illi Permezz tas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet Caterina Agius vs Benedict Agius[5] il-Qorti qalet illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[6], ġie ribadit illi sabiex tiġi promossa b'success l-azzjoni tas-

---

[3] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961.

[4] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta.

[5] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

[6] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

separazzjoni personali, m'hemmx htieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi skont ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-servizzi[7] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, il-Qorti qalet illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **servizzi**."

Illi fis-sentenza fuq iċċitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-**inġurji jew offiżi gravi** gew defintii bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza fuq imsemmija Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."

**L-eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza fuq imsemmija fil-kawża fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu ghall-ħajja tal-parti l-oħra."

Illi fil-każ, in eżami, jirriżulta li l-intimat G C D E huwa kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

[7] Ara s-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Cit. Nru. 1677/1995/RCP).

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[8]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova illi t-talbiet tagħha huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar l-allegat adulterju, ir-rikorrenti ippreżentat serje ta' messaġġi li ntbagħtu mill-intimat fuq il-mobajl ma' ċerta H li kienet tirrisjedi fil-Bulgarija, fejn jidher li l-intimat ċertament tħabbeb ma' din il-mara, u dan fiż-żmien meta r-rikorrenti rritornat f'Malta ma bintha u l-konvenut kien baqa' fil-Bulgarija. Illi jidher anke mir-ritratti esebiti mir-rikorrenti li l-konvenut, fl-assenza tar-rikorrenti, kien ikun fil-kumpanija ta' din il-persuna, ossija H. Iżda, l-kwistjoni tal-adulterju ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega jistax fattwalment jaghti l-prova tal-adulterju. Illi f'dan il-każ, il-prova tal-adulterju ma tressqitx għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Illi b'referenza għall-abbandun, kemm mid-diċitura tal-artikolu tal-liġi, ossija l-artikolu 41 tal-Kap 16 u kemm mill-ġurisprudenza kostanti, jirriżulta li l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, l-ewwel li l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba. Illi jidher li l-konvenut abbanduna lill-familja tiegħu billi ma baqax jirrisjedi ma' martu u bintu fid-dar fejn kienu jirrisjedu, u b'hekk

---

[8] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway Malta Limited, Prim' Awla deċiża fis-6 ta'  Marzu 2001.

għaddew aktar minn tlett snin minn meta sar l-abbandun, tant li r-rikorrenti kienet marret toqgħod lura mal-ġenituri tagħha flimkien ma' bintha F.

Illi mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li l-konvenut kellu karattru litiġjuż u vjolenti li rrenda l-ħajja konjugali impossibbli. Pjuttost jidher li l-konvenut ma kienx adatta ruħu għal-ħajja miżżewġa bir-responsabbiltajiet li tinkludi, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjoni tal-minuri bintu. Għalhekk, jirriżulta li l-konvenut kien xeba' fil-ħajja miżżewġa u kien jgħix qisu għadu liberu u mingħajr irbit. Mill-provi prodotti, jirriżulta li dan ġara kemm meta il-konvenut kien baqa' l-Bulgarija u martu niżlet Malta bit-tifla minuri minħabba l-kundizzjoni tagħha. Dan għamlu wkoll, meta reġa' rritorna Malta, billi kien joħroġ waħdu u mhux mal-familja tiegħu. Inoltre`, fininzjarjament, jjirriżulta mill-provi miġjuba li huwa kellu diversi nuqqasijiet bħal vizzju tal-logħob, u ma setax jieħu ħsieb familtu b'mod xieraq kif kellu l-obbligu li jagħmel, tant li r-rikorrenti kellha ssib impjieg, l-ewwel fuq bażi *part-time* imbagħad fuq bażi *full-time* sabiex tlaħħaq mal-ispejjeż tal-minuri, u dan peress li l-konvenut ma kienx jipprovdi s-sostenn finanzjarju meħtieġ, għalkemm jirriżulta mill-provi li huwa kellu paga deċenti fid-diversi impjiegi li kellu f'Malta. Għalhekk, jirriżulta li l-konvenut ma ħax ħsieb jindukra lil familtu kemm bl-attenzjoni neċessarja u kif ukoll b'mod finanzjarju.

Effitivament, din il-Qorti tara li l-verżjoni tar-rikorrenti minbarra li ma ġietx kontradetta, fil-kontumaċja tal-konvenut, tinsab ikkollaborata minn xiehda oħra. Jirriżulta ċar li l-konvenut ittraskura lil martu u lil bintu, u b'hekk hu ħati ta' inġurji fil-konfront tagħhom. Għaldaqstant, it-tort tat-tkissir taż-żwieġ qed jiġi attribwit lill-konvenut.

<u>Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.</u>

L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.

Illi huwa mandatorju illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili li jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra li jwasslu għal separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli, 51 u 52 tal-Kap 16, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jgħid hekk:

**48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:**
**(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[9];**
**(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;**
**(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;**
**(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ**.

Illi fil-kaz in eżami, ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba inġurji gravi kommessi mill-konvenut, peress li huwa ma għarafx jindokra lil-martu u lil bintu kemm finanzjarjament u kif ukoll emozzjonalment, kif kellu d-dmir u l-obbligu li jagħmel. Inoltre` jirriżulta li l-konvenut hu ħati tal-abbandun, peress li l-konvenut ma baqax jirrisjedi ma' martu u bintu għal tlett snin. Illi dawn il-fatti u okkorrenzi huma kollha inkontestati.

---

[9] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Adoperat dan ir-raġunament għall-każ in eżami, din il-Qorti hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha illi t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata u għalhekk issib lill-intimat ħati ta' ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom qegħda tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, il-konvenut iddekada mid-dritt li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

<u>DWAR IL-KURA U KUSTODJA TAL-MINURI</u>

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża <u>Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli</u>[10], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi kif kienet u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal skont iċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali fir-rigward tal-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet <u>Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless</u>[11], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed

---

[10] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

[11] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;

educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[12], u dik fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[13], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali li 'de facto' jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[14].

Illi f'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.**" L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "**Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied**."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa'

---

[12] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956

[13] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).

[14] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.**

**(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.**

**(3).Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.**

**(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.**

**(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust**.

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-l-wild tal-partijiet il-minuri F tbati mill-awtizmu, u għalhekk proprju minħabba l-kondizzjoni tagħha għandha htigijiet

speċjali. Illi jirriżulta mill-provi, li meta r-rikorrenti kienet qed tgħix flimkien mal-konvenut fil-Bulgarija, meta ssuspettat li l-minuri qed tbati minn xi kundizzjoni, hija rritornat lura Malta mal-minuri, fejn F giet 'diagnosed' li tbati minn 'Autism Spectrum disorder' u jirriżulta li minn dak iż-żmien 'il quddiem kienet prinċipalment l-omm li ħadet ħsieb it-trobbija, il-kura u kustodja tal-minuri, flimkien mal-ħtiġijiet speċjali tal-minuri, bħal sessjonijiet mal-Inspire Foundation, u sessjonijiet oħra. Il-Qorti tikkunsidra li l-minuri, minn meta ġiet diagnosed bil-kundizzjoni, dejjem giet indukrata mir-rikrorrenti, bl-għajnuna wkoll tal-ġenituri tagħha. Illi huwa minnu li l-konvenut ħallas il-manteniment għall-minuri għal perjodu kif ordnat b'digriet ta' din il-Qorti, u li saħansitra f'xi perjodi kien hemm aċċess fejn il-missier ra lil bintu f'McDonalds u anke f'okkażjonijiet oħra. Iżda, jidher ukoll li l-konvenut baqa' għaddej bil-ħajja tiegħu kemm barra minn Malta kif ukoll f'Malta, fejn kien joħroġ waħdu u ma tax wisq każ tal-kundizzjoni ta' bintu, u tal-bżonnijiet speċjali tagħha. Fil-fatt, jirriżulta mill-assjem tal-provi li kemm fl-iskola, kif ukoll fil-fondazzjoni Inspire, dejjem kien hemm kuntatt biss mal-omm u mhux mal-missier. Illi minkejja li meta l-minuri F kienet għadha żgħira, ir-rikorrenti ma kinitx taħdem, l-attriċi kienet bdiet taħdem l-ewwel fuq bażi *part-time* u sussegwentement sabet impjieg fuq bażi *full-time*, u wriet ruħha denja tat-trobbija ta' bintha. Hija fittxet anke l-għajnuna tal-ġenituri tagħha sabiex tkun tista tagħti trobbija xierqa lill-minuri F.

Għalhekk, tenut kont tal-bżonnijiet speċjali tal-minuri F, u tenut kont tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, il-Qorti, tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F għandha tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn l-omm, ir-rikorrenti A B.

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied mhuwiex marbut mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenitur iżda huwa obbligu assolut. Dan ifisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu. Il-Qorti rat illi r-rikorrenti esebiet prospett dwar l-ispejjeż mensili għall-minuri bħala Dok YY a fol 222 tal-proċess, fejn jirriżulta li l-ispejjeż mensili huma ta' Ewro 655 fix-xahar. Għalhekk, din il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erba' mitt ewro

fix-xahar bħala manteniment għall-minuri F. Dan l-ammont jinkludi l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga jew introjtu li jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li bint il-partijiet tibqa' tistudja fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children's allowance, u għajnuna oħra, għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti.

Dwar it-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-komunjoni tal-Akkwisti.

Fl-ewwel lok, il-Qorti rat illi li permezz ta' sentenza datata16 ta' Jannar 2018, il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm viġenti bejn il-partijiet ġiet dikjarata xolta. Għalhekk, ladarba l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ġiet itterminata, ser jiġi mistħarreġ fiex tikkonsisti din l-komunjoni tal-akkwisti.

Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet:

Il-Fond fejn irrisjedew dejjem kien bil-kera.

Illi jirriżulta mill-provi, li l-kontendenti, kemm f'Malta kif ukoll fl-esteru, dejjem għexu f'fond bil-kera, b'hekk m'hemm l-ebda proprjeta` jew kera ta' dar matrimonajali. Fil-fatt, illum il-ġurnata r-rikorrenti tirrisjedi flimkien mal-ġenituri tagħha u ma' bintha F, filwaqt li l-konvenut jikri u jbiddel diversi djar bil-kera fejn anke xi drabi joqgħod u jirrisjedi ma' nies oħra.

Vetturi

Illi ma jirriżultax li kien hemm fil-passat, jew li hemm fil-preżent, vetturi reġistrati f'isem il-partijiet, la f'isem ir-rikorrenti u lanqas f'isem il-konvenut. Ir-rikorrenti xehdet li hija tuża l-vettura ta'

missierha biex twassal lil bintha għal diversi attivitajiet li jkollha. Għalhekk, il-partijiet m'għandhomx vetturi registrati f'isimhom.

Flus u Depożiti bankarji

Illi jirriżulta mill-provi prodotti, li kien u għad hemm kont konġunt bejn il-partijiet mal-Banif Bank, liema kont bin-numru 00363243101[15] fih bilanċ ta' Ewro zero. Illi dan il-kont konġunt għandu jingħalaq.

Min-naha l-oħra, r-rikorrenti xehdet li għandha kont bankarju fejn tidħol il-paga tagħha u l-benefiċċji soċjali konnessi mal-minuri.

Tenut kont ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti qegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet/debiti intestati f'isimhom.

Returns tat-Taxxa

Jirriżulta mix-xiehda tar-rappreżentant tat-Taxxi Interni li l-partijiet iżżewġu f'April 2011, u r-rikorrenti bagħtet ir-return tat-Taxxa għas-snin 2011, 2012, 2013, 2014. Min-naħa l-oħra, l-konvenut ġie reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-sena 2015 u għad ma baghatx income tax returns. Għalhekk, hemm l-obbligu da parti tal-konvenut li jibgħat l-income tax return għas-snin minn meta ġie reġistrat, mill-2015 sallum.

Beni dotali u Parfarnali

Illi ma jirriżultax li kien hemm beni dotali jew parafernali, u dan ġie ikkonfermat mill-istess rikorrenti.

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

[15] Dok SB1 a fol 90 tal-process.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut, u billi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment tawtorizża lir-rikorrenti tgħix separatament mill-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili u tiddikjara li l-konvenut tilef il-jedd għal nofs l-akkwisti.

3. Tilqa' t-tielet talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida u taqsam l-komunjoni tal-akkwisti kif imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-ġudikat.

5. Tilqa' l-ħames talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F tiġi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti manteniment għall-minuri F fl-ammont ta' Ewro 400 fix-xahar, liema ammont jinkludi sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga jew introjtu li jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li bint il-partijiet tibqa' tistudja fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema

7. eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel u jekk il-minuri tmur tgħix għal rasha l-manteniment jitħallas direttament lilha. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children's allowance għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti.

8. Tilqa' s-seba' talba tar-rikorrenti u tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti għal kunjom xbubitha B.

9. Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-attriċi tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Dr. Abgail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Badacchino
Deputat Reġistratur